MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2005

Numru. 245/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Mario Tonna)**

**v**

**Dabia Abdul Baset ta' 35 sena mwieled Tripoli, Libja Nhar il-5 ta' Jannar, 1969, bin Mohammed u Mabrouka nee Ben Daw residenti 2, Triq il-Mithna Zurrieq detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 19563A.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Dabia Abdul Baset li gie akkuzat talli gewwa San Giljan nhar id-19 ta'

Marzu, 2004 bejn 4 p.m. u 5.30 p.m. gewwa l-ghassa tal-Pulizija ta’ San Giljan ingurja, jew hedded il-persuni ta’ l-ispettur Mario Tonna, PS 1492 J. Pace, PC 52 E. Agius, PC 1359 Frankie D’Amato u diversi membri tal-korp tal-Pulizija bhala persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu dan is-servizz bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ l-istess servizz u dan ai termini ta’ l-artikolu 95 tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hekk ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuni nkarigati skond il-ligi msemmija hawn fuq minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita’ kompetenti u dan ai terminu ta’ l-artikolu 96 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli matul dawn l-ahhar gimghat fil-gzejjer Maltin waqt li tilef id-dokument tal-karta ta’ l-identita’ ma rrapurtax lill-Ufficjal awtorizzat minn dawn id-dokumenti u aktar talli ma zammx fil-kustodja tieghu l-istess document tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 19536A dan bi ksur ta’ l-artikoli 7(1), 10(1), 14(1) tal-kapitolu 258 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ l-imsemmija ufficjali pubblici b’dawk il-provedimenti li hija jidhrilha xieraq u dan ai terminu l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tittratta ma’ l-imputat li huwa recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-kapitoli 9 tal-ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi li saru definittivi.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Genrali a fol 9 tal-process.

Rat li l-akkuzat fi stadju ta’ interrogatorju wiegeb li hu ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u li in oltre ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Jirrizulta mill-atti processwali li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha fit-2 ta' Gunju, 2004.

Rat li kien hemm diversi differimenti u komuniki ma' l-Avukat Difensur biex jinbdew il-provi tad-Difiza (kien hemm anke sahansitra bdil ta' Avukati Difensuri).

Rat li tali provi qatt ma ngabu.

Ikkonsidrat

Illi mill-provi kollha prodotti l-Qorti hija ben sodisfatta li l-akkuzi kollha ghajr ghal dik tar-recidiva u dik taht il-Kapitlu 258 jirrizultaw b'mod ampju.

Il-Qorti qed tinnota zewg punti illi fis-seduta tat-2 ta' April, 2004 l-akkuzat kien irregistra u rtira l-ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat ukoll illi ma gew esebiti ebda sentenzi biex jippruvaw ir-recidiva u lanqas ma gie ezentat l-Ufficjal Prosekutur minn tali prova. Ghaldaqstant tilliberah mill-effetti ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitlu 9. Qed tilliberah ukoll mill-akkuzi prospettati taht il-Kapitlu 258.

Qeghda pero' ssibu hati ta' l-akkuzi dedotti taht l-artikoli 95 u 96 tal-Kapitlu 9 u qeghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------